“Dar Birzebbuga” Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 08/13 tal-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 23 ta’ Mejju 2013 fil-5.30pm**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużat** | **Is-Sur Carmelo Cachia** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 07/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. K.Barun ippropona u C.Muscat issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 07/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/05 - 02/05 03/05 04/05* Is-Soċjeta’ Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa ressqet erba’ talbiet quddiem il-Kunsill Lokali:

- talba sabiex nhar is-Sibt,13 u l-Ħadd, 14 ta’ Lulju 2013 tittella’ attivita’ flimkien mal-Kunsill Lokali bl-isem ta’ ‘Festa Ġelati’. Din ser tkun attivita’ fejn il-qligħ kollu ser imur b’risq Puttinu Cares. L-attivita’ ser tinkludi bejgħ ta’ ġelati u prodotti relatati minn fuq il-*promenade* kif ukoll ksur ta’ rekord lokali. Wara diskussjoni, fejn il-Kamra qablet li għandna ninċentivaw l-attivitajiet kollha u faħħret din l-inizjattiva, il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni sabiex tittella’ l-attivita’ bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

- talba għall-permess biex tittella’ attivita’ bl-isem ‘Buġa Fest’ ġewwa Ġnien l-Indipendenza nhar il-Ġimgħa 7, is-Sibt 8 u l-Ħadd 9 ta’ Ġunju 2013. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba.

- talba sabiex bħas-sena li għaddiet tiġi organizzata t-tombla għax-xhur tas-Sajf fil-Bajja s-Sabiħa fl-*area* kif tinżel minn ħdejn il-*gazebos*. Wara diskussjoni l-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni għal dan il-*fund raising.*

- talba sabiex bħas-snin preċedenti jiġi organizzat BBQ fi Triq Birżebbuġa nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Lulju 2013. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba.

05/05 – Il-Parroċċa San Pietru fil-Ktajjen, ressqu tlett talbiet quddiem il-Kamra:
06/05
07/05

- talba sabiex nhar is-Sibt, 15 ta' Ġunju 2013, għall-okkażżjoni ta' 'Jum il-Missier' tiġi organizzata 'Lejla Folkloristika' quddiem il-Kappella ta' Bengħajsa mis-7.30pm sal-11.30 pm mingħajr il-bżonn li tingħalaq it-triq. Il-Kamra laqgħet din it-talba.

- talba sabiex bejn il-Ħamis 11 u l-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2013, bħala parti mill-programm ta' Ġimgħa ta' Evanġelizzazzjoni jsiru attivitajiet f'Wesgħa Ramon Perellos. L-attivitajiet ser jinżammu bejn is-7.30pm u id-9.30pm. Ukoll hemm bżonn li tingħalaq il-Wesgħa għall-okkażżjoni. Wara diskussjoni l-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

- talba sabiex bħas-snin preċedenti tiġi organizzata 'Lejla Sajfija' fi Ġnien L-Indipendenza nhar is-Sibt 27 u l-Ħadd 28 ta' Lulju 2013. Il-Kamra laqgħet din it-talba.

***AĠENDA -3***

Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport tal-ewwel kwart tas-sena li jkopri Jannar – Marzu 2013. Il-Kamra approvat dan ir-rapport.

***AĠENDA -4***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri tal-Gvern, kif ukoll ir-risposta tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni fejn ġew spjegati punti varji, il-Kamra approvat ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni li tispjega l-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali wara r-rakkomandazzjoni tal-awditur.

***AĠENDA -5***

Tressqet proposta sabiex tinfetaħ diskussjoni fejn tista' tiġi emendata l-*Bye-Law* li għandu l-Kunsill Lokali dik ta' *Bye-Laws* ta' l-2011 dwar Żoni Esklużivi għal *Barbecues*, sabiex jiżdiedu s-siti li jista' jsir tisjir fihom, kif ukoll jiġu ċċarati ċertu klawsoli. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha tieħu parir jekk dan jistax isir qabel tkompli bid-diskussjoni.

***AĠENDA -6***

Tressqu l-pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi l-Kamra qablet li titħallas is-somma ta' €38534.48 skont Skeda Nru. 05/13.

***AĠENDA -7***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :

- mill-1 ta' Ġunju 2013 ser tkun qed taħdem il-Kunsill Lokali bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv, wara li aċċettat li tibda taħdem fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni li jkollha Aġent Segretarju Eżekuttiv u talbet li wara li l-Gvern jagħżel il-*pool* għal Segretarji Eżekuttivi prospettivi, jinbeda l-proċess mill-Kunsill Lokali sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid. Il-Kamra feraħ lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ħatra l-ġdida tagħha.

- qed ikun hemm ħafna battibekki fil-grupp tal-Kunsill Lokali fuq *Facebook* u xi kultant dan il-grupp, li nħoloq bl-intenzjoni li jinforma lir-residenti, il-messaġġ xorta mhux qed jasal. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-grupp għandu jingħalaq filwaqt li tinfetaħ *Page* fuq *Facebook* li hi aktar strutturata, għaldaqstant tilħaq aħjar l-għan li twassal l-informazzjoni. Kulħadd qabel.

- Hemm bżonn ta' bord għal żewġ sejħiet pubbliċi li għalqu nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju 2013. Ġew maħtura:

  (a) Is-Sindku, J.Farrugia u l-Kunsillieri C.Cachia u S.Zammit fuq is-Sejħa Pubblika Nru. 01/13 – Servizz ta' Tindif *b'Mechanical Sweeper* fuq il-*promenade* tal-Bajja s-Sabiħa

  (b) Is-Sindku, J.Farrugia, il-Vici Sindku K.Barun u l-Kunsillier J.Baldacchino fuq is-Sejħa Pubblika Nru. 02/13 – Provista u Installazzjoni ta' *steel fencing* fil-grawnd tal-Bajja s-Sabiħa.

- Tressqu fuq il-mejda r-rendikonti tal-ħruġ tal-*magazine* tal-Kunsill Lokali u dak tal-Ħarġa għal Jum L-Omm. Fir-rigward tal-ħruġ tal-*magazine* tal-Kunsill kien hemm diskrepanza ta' €128.76 filwaqt għal ħarġa ta' 'Jum l-Omm' kien hemm qligħ ta' €9.50.

2) Il-Viċi Sindku, is-Sur K.Barun :

- irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tas-servizz li dejjem tat lill-Kunsill Lokali.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn tinżebagħ l-arma tal-Kunsill Lokali li hemm mal-faċċata għaliex iċċarat ħafna.

- issuġġerixxa li l-*light house* li kien hemm fuq il-pont fil-Bajja s-Sabiħa għandha terġa' tinbena. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li din il-*light house* kif ukoll it-tiswija tal-pont, għandhom jidħlu fil-programm issa li qed jitħejja *masterplan* tal-Bajja s-Sabiħa u l-*promenade*. Kulħadd qabel.

- ta spjegazzjoni qasira tal-proġett li ssottometta l-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Dan il-proġett jekk jiġi magħżul ser ikun jinkludi fost oħrajn ktieb tar-riċetti inter-kulturali, sensiela ta' logħob bejn żgħażagħ maltin u barranin u attivitajiet fiżiċi kkombinati ma' ikel tajjeb għas-saħħa.

3) Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino:

- Talab *update* fir-rigward tal-kumpens li ntalab lill-Enemalta wara li nqatgħu s-siġar tal-awrikarji mit-*31st March Depot*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li l-Enemalta lesta tagħti erba' siġriet taż-żebbuġ flok l-erba' siġriet li tqaċċtu. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li ma taċċettax dan il-kumpens għaliex jidrilha li m'huwiex wieħed xieraq għall-komunita'.

- Qed issir ħsara kbira lill-bankina fi Triq il-Brolli minħabba inġenji li qed jitilgħu fuqha sabiex jidħlu fl-imħażen. Ukoll qed isir parkeġġ u użu bl-addoċċ ta' inġenji f'Misraħ il-Knisja u Triq il-Kartaġiniżi. Il-Kamra qablet li għandu jsir rapport lill-Pulizija ta' dawn l-irregolaritajiet.

4) Il-Kunsillier, is-Sur S.Żammit:

- Informa l-Kamra li kellu laqgħa mal-Aġenzija Sedqa dwar il-kunċert *'Stick No Bills'* li ser isir f'Birżebbuġa nhar it-23 ta' Ġunju 2013. F'din il-laqgħa ntlaħaq ftehim dwar is-*set up*.

- Informa l-Kamra li wara laqgħa li saret fuq il-post ma' C.Muscat, fir-rigward tal-*Bus Stop* fi Triq San Ġorġ li kien ser jiġi rilokat għal Dawret il-Qalb Imqaddsa faċċata ta' Triq Santa Marija, sar qbil li l-*Bus Stop* jibqa' fejn qiegħed fil-preżent għaliex jekk jiċċaqlaq jista' jkun perikoluż.

- Informa l-Kamra fuq diversi PQ's li saru fil-parlament:

  - Ix-xogħol fuq Għar Dalam *Junction* għandu jibda lejn l-aħħar ta' Mejju u bidu ta' Ġunju.

  - Ir-restawr tal-Kappella tad-Duluri għandu jibda f'Ġunju.

  - Id-distanza sabiex il-Kunsill Lokali ma jħallasx spejjeż għall-ikkonnettjar ta' bozza ġdida hi 150m

- Informa l-Kamra li wara li saret is-Sessjoni Plenarja Annwali organizzata mir-Reġjun Nofsinhar ħareġ li l-Gvern Ċentrali alloka parti mit-*tipping fees* ta' din s-sena għas-sena d-dieħla

- Talab lill-Kamra sabiex jingħata informazzjoni dwar il-laqgħat li saru mal-Onor. Michael Farrugia u mal-Onor. Konrad Mizzi. Is-Sindku nforma l-Kamra li filwaqt li l-laqgħa mal-Onor. Konrad Mizzi għadha ma saritx, fil-laqgħa mal-Onor. Michael Farrugia ġie diskuss l-*Environmental Permit* li jorbot lill-Freeport.

- Talab li fis-Seduta li jmiss jiġu diskussi x-xogħlijiet relatati mal-festa.

5) Il-Kunsilliera, is-Sinjura B.Pace:

- Bħalissa għaddej il-proċess ta' ġbir ta' *sponsors* għall-attivita' 'Inġeddu Tfulitna'. Kull għajnuna hi apprezzata.

- Infurmat lill-Kamra bil-*courses* li l-Kunsill Lokali ser jorganizza dan is-Sajf

  - Klabb Sajfi
  - *Cake Decoration Course*
  - Korsijiet tal-kompjuter varji

6) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat:

- Informa l-Kamra li qed ikun hawn riħa qawwija ta' gass f'ċertu ħinijiet. Is-Sindku spjega lill-Kamra li bħalissa t-tankijiet tal-gass tal-Qajjenza qed jiġu mimlija bl-ilma u r-riħa tiġi minħabba li l-gass joħroġ.

- Saħaq li hemm bżonn isir xi ħaġa fi Triq San Ġorġ sabiex in-nies li jkunu ġejjin mill-Qajjenza jkunu jistgħu jaqsmu fid-direzzjoni ta' Triq Żarenu Dalli. Is-Sindku ssuġġerixxa li nitolbu parir lill-Perit tal-Kunsill. Kulħadd qabel.

7) Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia

- Informa l-Kamra li fl-aħħar Seduta li attenda tar-Reġjun Xlokk ressaq mozzjoni sabiex jekk mhux f'toroq arterjali, ir-residenti li għandhom bżonn jagħlqu t-triq ma jkollhomx għaliex jaqilgħu gwardjan. Din ġiet issekondata u approvata.

- Informa l-Kamra li l-Kunsill Lokali għandu laqgħa mal-Ministru Konrad Mizzi nhar it-12 ta' Ġunju 2013 fir-rigward tal-possibbilta' ta' rilokazzjoni tat-31st March Depot.

***Għeluq***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.15pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **................................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |